# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION
## ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Mejju 2025**

**Numru 1**

**Rikors numru 16/2022/1 BS**

**Josephine Azzopardi**

**v.**

**Lora sive Doreen Vella**

1. Din hija kawża dwar il-validità *o meno* ta' dispożizzjoni testamentarja magħmula biex jitwettaq patt suċċessorju.

2. L-attriċi u l-konvenuta huma aħwa.

3. Fl-1 t'Ottubru 1999, il-ġenituri tagħhom, Joseph u Jane miżżewġin Curmi għamlu kuntratt ta' separazzjoni personali quddiem in-Nutar

Josianne Cini. Huma ftehmu bil-fomm quddiem l-istess Nutar li r-raġel iħalli lil binthom Josephine werrieta universali tiegħu filwaqt li l-mara tħalli lil binthom Doreen werrieta universali tagħha.

4. Fil-5 ta' Settembru 2007 Jane Curmi għamlet testment li jgħid hekk:

> *"It-Tieni Artikolu:*
>
> *It-testatriċi tinnomina bhala eredi universali tal-beni tagħha kollha in generali, prezenti u futuri, mobbli u mmobbli, lil bintha Lora sive Doreen Vella, mart Roy, toqgħod Viċtoria, Għawdex, bis-sostituzzjoni volgari ta' uliedha.*
>
> *Bl-obbligu li tibqa tiehu hsieb it-testatriċi sa mewtha u ma tirrikoverahiex f'xi sptar gerijatriku, vulgo tax-xjuh, jekk mhux f'kaz ta' assoluta neċessita'.*
>
> *It-testatriċi tiddikjara illi hija m'hijiex qed thalli xejn lil bintha l-ohra Josephine Azzopardi, mart Saviour, peress illi t-testatriċi u zewgħa Joseph Ċurmi, fuq imsemmi, ftehmu illi l-imsemmi zewgha Joseph ihalli bhala eredi universali tiegħu lill-imsemmija binthom Josephine Azzopardi u li ttestatriċi thalli bhala eredi universali tagħha lill-imsemmija binthom l-ohra Lora sive Doreen Vella."*

5. Is-suċċessjoni tagħha hija rregolata permezz tal-imsemmi testment.

6. Hija mietet fit-3 ta' Ġunju 2020.

7. Safejn jirriżulta mill-atti proċesswali, żewġha għadu ħaj.

8. Permezz tar-Rikors Ġuramentat tagħha, l-attriċi ppremettiet li "l-liġijiet ta' Malta huma skjetta (recte: skjetti) dwar x'jiġri jekk il-ftehim huwa

wieħed dwar wirt futur"; li għalhekk fit-testment "hemm kondizzjoni kuntrarja għal-Liġi u b'hekk huwa annullabbli" u għalhekk talbet lill-Qorti tiddikjara (i) li t-testment imsemmi huwa null; (ii) konsegwentement ommha mietet intestata; u li (iii) l-attriċi hija eredi t'ommha.

9. Il-konvenuta eċċepiet li l-attriċi m'għamlet l-ebda riferenza għall-artiklu tal-liġi rilevanti; mhux minnu li t-testment huwa bbażat fuq il-premessa li l-missier iħalli lill-attriċi werrieta tiegħu; li kienu jeżistu raġunijiet legalment validi l-għala l-attriċi tiġi diżereditata; li l-premessi (6) u (7) tar-rikors ġuramentat ma jsegwux; li l-Qrati dejjem salvaw it-testmenti fejn kien possibbli.

10. B'sentenza tal-31 ta' Mejju 2024, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali laqgħet it-talbiet tal-attriċi wara li kkunsidrat fost l-oħrajn:

> "......l-konvenuta tittenta ssostni l-validita' tat-testment ta' ommha fuq l-argument li ommha kellha raġunijiet validi sabiex tiddeċiedi favur id-diseredazzjoni ta' oħtha l-attriċi.
>
> Din il-Qorti hija iżda marbuta bit-talbiet li għandha quddiemha liema talbiet jirrigwardaw il-validita' tat-testment ta' Jane Curmi datat il-5 ta' Settembru, 2007 in atti Nutar Josianne Mifsud tenut kont tad-dispożizzjonijiet kontenuti fih.
>
> Dan stante li ma' saret ebda talba jew kontro-talba dwar il-validita' ta' xi diseredazzjoni u l-effetti tal-istess. Kull ma sar f'dan ir-rigward kienet eċċezzjoni tal-konvenuta li tgħid sempliċement li *kienu jezistu ragunijiet ferm gravi u validi fil-ligi għalfejn effettivament it-testatriċi Jane Curmi ma halliet ebda wirt lill-bintha r-rikorrenti Josephine Azzopardi* u allegazzjonijiet ulterjuri dwar attakki u swat da parti tal-attriċi filkonfront ta' omm il-partijiet.

Din il-Qorti ma' gietx għalhekk msejjha tikkunsidra l-possibilita' li seħħet diżeredazzjoni tal-attriċi minn ommha t-testatriċi. Infatti ebda provi ma' tressqu dwar tali possibilita' iżda, kif ingħad, saru biss allegazzjonijiet da parti tal-konvenuta. Dan oltre għal fatt li t-testment in mertu tat-testatriċi Jane Curmi mkien u bl-ebda mod ma' jalludi għad-diżeredazzjoni.

-omissis-

Apparti għalhekk il-fatt li, kif diga' ingħad hawn aktar 'il fuq, b'din listanza preżenti ma' saret ebda talba relattivament għad-diżeredazzjoni, il-validita' tal-istess, u l-effetti tagħha; it-testment in mertu bl-aktar mod ċar u kategoriku jagħti raġuni l-għaliex it-testatriċi ma' ħalliet xejn lill-attriċi u, tali raġuni hija kompletament u inkonfutabilment distinta mid-diżeredazzjoni.

Dak li għamlet it-testartiċi kien fil-fatt li għażlet li ma' tħalli xejn millwirt tagħha lill-attriċi mhux għax riedet li tiddiżeredita lill-istess attriċi iżda għax, fuq dikjarazzjoni tagħha testatriċi stess suċċitata: hija – ittestatriċi – kellha tħalli bħala eredi tagħha lil bintha l-konvenuta mentri l-eks żewġha kellu mbagħad iħalli bħala eredi tiegħu lill-binthom l-oħra l-attriċi.

Dan ġie kkonfermat min-nutar stess li dderiġiet it-testment tat-testariċi Jane Curmi, in-Nutar Josianne Mifsud, li fix-xhieda tagħha quddiem din il-Qorti kkonfermat li kienu Jane Curmi u l-eks raġel tagħha Joseph Curmi stess li qalulha li ftehmu li jagħmlu dak dikjarat fit-testment ta' Jane u dan bil-fomm. Żiedet imbagħad tgħid li kienet hija li qalet lil Jane Curmi tniżżel tali ftehim li għamlet mal-eks żewġha fit-testment tagħha u dan stante li antiċipat li setgħa jkun hemm kwistjoni b'tali ftehim.

Huwa għalhekk li din il-Qorti taqbel mal-pożizzjoni meħudha millattriċi Josephine Azzopardi li għat-testment in mertu għandhom japplikaw l-Artikoli 871 u 984 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Liġijiet ta' Malta, li jipprovdu kif isegwi:

> ***871**. Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi dwar ir-rinunzji f'okkażjoni ta' żwieġ, ħadd ma jista' jirrinunzja għall-wirt ta' wieħed ħaj, jew jittrasferixxi l-jeddijiet li għad jista' jkollu għal dak il-wirt, ħlief meta jieħu l-voti ta' reliġjuż f'ordni monastiku jew f'xirka reliġjuża ta' regulari.* [1]
>
> ***984**. (1) Il-ħwejjeġ futuri jistgħu jkunu oġġett ta' kuntratt.*
>
> *(2) Iżda, ħadd ma jista' jirrinunzja għal suċċessjoni illi tkun għad ma nfetħitx, jew jagħmel ftehim fuqha, sew mal-persuna illi tagħha tkun issuċċessjoni, kemm ma ħaddieħor, allavolja jkun hemm il-kunsens ta' dik ilpersuna; bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar dawn ir-*

[1] Artiklu 912 (1942); Artikolu 574 tal-Ordinanza tal-1868 – "Soppresso le parole 'nemmeno per contratto di matrimonio'. V.art. 948. Fr.791. Due Sic. 708 – P.896 Alb. 1009 – Commenti e Fonti All'Ordinanza VII del 1868 – Sir Adriano Dingli – H.M. Superior Courts, Malta, 1967, p.27.

*rinunzji jew dan il-ftehim, meta jsiru f'okkażjoni ta' żwieġ, jew meta jittieħdu l-voti reliġjużi.*[2]

Minn qari akkuarat ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi nostrana huwa ċar li l-ligi ma' tridtx li jsir ftehim dwar suċċessjoni li tkun għadha ma' nfetħitx, anke jekk, bħal ma' tgħid in-Nutar Josianne Mifsud dwar ittestment suġġett għal din l-azzjoni, l-istess ftehim ikun seħħ bil-kunsens tal-persuna li tagħha tkun tali suċċessjoni.

Huwa ċar, u l-ġurisprudenza nostrana hija kostanti dwar dan, li dawn id-dispożizzjonijiet huma mmirati favur l-ordni pubblika.

L-istess id-dottrina in mertu fejn Diocleziano, *inter alia*, jgħid li:

*La convenzione sulla futura successione (o sull'eredità futura) è nulla perché l'oggetto non esiste ancora, o perché è immorale.*

Fid-deċizjoni tal-Qorti tal-Appell nostrana ta' nhar it-23 ta' Mejju, 1921 mogħtija fl-ismijiet **Dr. Carlo Galea Naudi vs Dr. Roberto Naudi**, il-Qorti għamlet referenza għal Giorgi fejn dan qal kif isegwi:

*[...] pel quale e disposto che non si puo` fare alcuna stipulazione sulla successione non ancora aperta sia con la persona della cui successione si tratta, sia con terzi quantunque vi intervenisse l-consenso di tale persona.*

Bl-istess mod, fid-deċizjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell nostrana nhar it-30 ta' Mejju, 2014 fl-ismijiet **Edward Spiteri et vs Anthony Spiteri et** ġie ritenut li:

*Jekk il-ftehim huwa wieħed dwar wirt futur, kemm jekk il-wirt hu ta' persuna li hija parti fil-ftehim u kemm jekk il-ftehim isir dwar il-wirt ta' terza persuna, dak il-ftehim ma jkunx jiswa. Ir-raġuni għal dan hija waħda ta' ordni pubbliku u ġejja mid-dritt ruman,26 għax il-liġi ma tridx illi jkun hemm dak li jissejjaħ* votum captandæ mortis, *i.e. l-interess ta' parti li persuna tfittex tmut sabiex dik il-parti tgawdi l-effetti tal-ftehim.*

Minn dawn l-insenjamenti kemm tal-awturi ċċitati kif ukoll tal-ġurisprudenza nostrana huwa ċar li ftehim bhal dak dikjarat fit-testment ta' Jane Curmi, magħmul bejn it-testatriċi Jane Curmi u l-eks żewġha Joseph Curmi – kemm jekk tassew sar u kemm jekk le, tenut kont tad-diverġenza fix-xhieda mogħtija mill-attriċi u n-Nutar Josianne Mifsud minn naħa u l-konvenuta minn oħra, iżda ġjaladarba fuq il-premessa tal-eżistenza tiegħu sar it-testment tat-testatriċi Jane Curmi – bħala ftehim dwar wirt futur ċertament seħħ bi ksur tal-prinċipji u l-provizzjonijiet iċċitati u għalhekk, stante li l-intier tat-testment tat-testatriċi Jane Curmi huwa msejjes fuqu, jwassal għall-annullabilita' tat-testment ta' Jane Curmi.

---

[2] Artiklu 1027 (1942); Artikolu 690 tal-Ordinanza tal-1868 - ma jsir l-ebda kumment mill-awtur fil-Commenti e Fonti All'Ordinanza VII del 1868 – Sir Adriano Dingli – H.M. Superior Courts, Malta, 1967.

> Dwar it-talba attriċi sabiex f'tali każ fejn jigi annullat it-testment ta' Jane Curmi, l-attriċi tiġi dikjarata bhala eredi ta' ommha Jane Curmi, mill-atti jirriżulta nkontestat li l-uniċi ulied ta' Jane Curmi huma l-partijiet kontendenti."

11. Il-konvenuta appellat mis-sentenza; talbet li titħassar u li minflok it-talbiet tal-attriċi jiġu miċħuda.

12. **L-ewwel aggravju** huwa li l-azzjoni tal-lum ġiet miftuħa, u l-kawża ġiet deċiża, skont artikli u Kapitlu tal-liġi żbaljati billi:

> "1. L-appellata fl-azzjoni taghha ma kinitx korretta meta ghamlet referenza ghall-Artikli 871 u 984 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Tali azzjoni kellha tittiehed taht artikli u ligi differenti.
>
> 2. Ġaladarba l-appellata qieghda tallega illi t-testament huwa annullabbli, stante li tali testment huwa 'Att Nutarili', hija riedet tintavola l-kawża odjerna bi ksur tad-dispożizzjoni tal-Kapitolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta *inter alia* l-Artiklu 40(2) u tressaq provi f'dak is-sens.
>
> 3. L-Artiklu 40(2) tal-Kapitolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta jistipola illi: '(1) Att nutarili hu null: .. (d) jekk ikun magħmul bi ksur tad-dispożizzjoni jiet tal-artikolu 12(a),[3] (c)(i), (c)(ii) u (d): iżda jekk il-ksur jirreferi biss ghal parti wahdajewiktar tal-att, dik il-partijew partijiet biss ikunu nulli.'
>
> 4. Ghaldaqstant l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet zbaljata meta laqghat it talbiet tal-appellata u ghaldaqstant iddikjarat *inter alia* li t-testment mertu tal-kawża bhala wiehed null u minghajr ebda effett fil-ligi."

13. Il-Kap. 55 jgħid x'ikunu **l-konsegwenzi** kemm-il darba jkun hemm stipulazzjoni kontra l-ordni pubbliku f'att notarili. L-Ewwel Qorti ċċitat, kif tabilħaq kien doveruż għaliha illi tagħmel, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili dwar il-**kawża** tan-nullità.

---

[3] Artikolu 12(a) tal-Kapitolu 55: "Nutar ma jistax jirċievi atti- (a) jekk huma espressament lpprojbiti mil-liġi jew manifestament imorru kontra l-morali jew l-ordni pubbliku".

14. Dan l-aggravju huwa manifestament wieħed frivolu u din il-Qorti sejra tiċħdu mingħajr ma taħli wisq żmien fuqu.

15. **It-tieni aggravju** huwa li:

> "7. … F'dak li jikkoncerna l-artikolu 871 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta l- appellanti tirrileva illi dan l-artikolu mhuwiex relevanti ghal din il-kawza u dan stante li l-kawza odjerna ma titrattax rinunzja ta' wirt ta' xi hadd li ghadu haj. F'din il-kawza l-appellata qieghda tallega illi t-testment ta' ommha Jane Curmi huwa wiehed annullabbli u ghalhekk huwa car li dan l artikolu hekk kif invokat mill-attrici ma huwiex applikappli. Ghaldaqstant meta l-Ewwel Onorabbli Qorti irreferit ghall-artiklu 871 tal-Kapitlu 16 tal Ligijiet ta' Malta u dan biex wasslet ghad-decizjoni taghha umilment qieghed jinghad li l-istess l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta."

16. L-appellanti kompliet telabora dwar it-tieni aggravju billi rriproduċiet id-dottrina u l-ġurisprudenza ċċitati mill-Ewwel Qorti mbagħad kkonkludiet it-tieni aggravju hekk:

> "12. L-appellanta umilment tissottometti illi l-gurisprudenza u kif ukoll id dottrina supracitata jaghmlu referenza ghal ftiehem bejn il-partijiet f'dak li jikkoncerna ftehim fuq wirt futur pero' mhux f'dak li jirrigwardja testmenti.
>
> 13. L-artikli indikati mil-appellata li a bazi taghhom intavolat il-kawza jirregolaw ftehim permezz ta' skritturi privati u xi tip ta' ftehim fuq wirt futur iehor, izda mhux testmenti kif inhu il-każ fil-kawza odjerna.
>
> 14. Billi jirrizulta li f'din l-kawża qieghed jigi diskuss ftehim li sar f'testment l-artikli indikati mil-appellata fir-rikors guramentat mertu ta' din il-kawza ma japplikawx."

17. Meta wieħed jagħsar it-tieni aggravju, isib li dan jikkonsisti fl-ilment li l-artikli tal-liġi u l-ġurisprudenza ċċitati mill-Ewwel Qorti jirreferu għal

ftehim dwar wirt futur, u mhux dwar dispożizzjonijiet li jsiru f’testment, kif inhuwa l-każ preżenti.

18. Il-projbizzjoni tal-patti suċċessorji kienet diġà stabbilita fil-Kodiċi Taljan tal-1865, għalkemm permezz ta' dispożizzjonijiet separati (Art.1118, 954 u 1460) skont tradizzjoni li tmur lura għal-liġi Rumana, fejn ftehim li jistabbilixxi u jiddisponi minn wirt futur kienu kkunsidrati kuntrarji għall-morali tajba.

19. It-tradizzjoni kienet sabet konferma fil-kodiċi ċivili Franċiż (Art.791,1130,1600) anke jekk derogata mid-dispożizzjoni tal-possibbiltà limitata li wieħed jagħti l-assi tal-wirt tiegħu lill-konjuġi jew lil uliedhom naxxituri: donazzjonijiet indikati fid-duttrina bħala *institution contractuelle*.

20. Bil-maqlub, il-kodiċijiet tat-tradizzjoni Ġermanika jammettu u jirregolaw il-kuntratt ta’ wirt istituttiv (*Erbvertrag*) li biha kulħadd jista’ b’mod irrevokabbli jassenja drittijiet ereditarji b’effett dispożittiv wara l-mewt. B’danakollu, Mazeaud e Chabas jirrimarkaw li fil-Ġermanja, il-prattika ta' dan il-kuntratt hija ristretta għall-kuntratt ta' wirt tal-konjuġi.

21. Il-kritiki li saru fi Franza dwar il-projbizzjoni tal-patti suċċessorji ma ġewx aċċettati fir-riforma tal-2006 minbarra xi eċċezzjonijiet iżolati (bħar-

rinunzja bikrija tal-azzjoni ta' riduzzjoni) u l-projbizzjoni baqgħet f'termini ġenerali.

22. Anke' fid-duttrina Taljana hemm kritika għal din il-projbizzjoni, li hija fformulata f'isem l-awtonomija privata, għaliex tali projbizzjoni, jingħad li hija ta' xorta penali. Il-projbizzjoni ta' patti suċċessorji istituttivi hija madankollu ntiża biex tippreserva l-integrità u l-libertà tal-awtonomija testamentarja li fiha hija espressa l-awtonomija privata.

23. Biex tkompli tindirizza dan l-aggravju, din il-Qorti sejra tagħmel riferenza għal-liġi, ġurisprudenza, u duttrina Taljana.

24. L-Art. 458 tal-*Codice Civile* Taljan viġenti,[4] għalkemm bi kliem differenti, jagħmel l-istess divjet tal-pattijiet suċċessorji li jinstab fl-Art. 871 u 984(1) tal-Kodiċi Ċivili Malti.

25. Skont id-duttrina Taljana, skont kif irrappurtata minn Bonilini u Confortini[5] n-nullità ta' patt suċċessorju testendi għat-testment li jsir bi twettiq tal-istess patt. F'każ bħal dan, ikun hemm in-nullità minħabba vizzju fis-sustanza tat-testment:

[4] *Fatto salvo quanto disposto dagli art. 768 bis ss.' e' nulla ogni convenzione con cui taluno dispone della propia successione. E' del pari nullo ogni atto col quale taluno dispone dei diritti che gli possono spettare su una successione non ancora aperta, o rinunzia ai medesimi.*
[5] Giovanni Bonilini & Massimo Confortini, Codice Commentato delle Successioni e Donazioni 2a ediz. (sena 2011), paġna 140.

> *"La nullità si estende al testamento fatto in esecuzione di un patto successorio, difettando, in tale ipotesi, il carattare della spontaneita' della disposizione. La nullità del testamento si configura, nel caso in esame, come nullità per vizio di sostanza dell'atto.[6]"*

26. Id-duttrina prevalenti teskludi n-nullità tat-testment meta jiġi ppruvat li t-testatur kien jagħmel l-istess testament anke kieku ma kienx hemm il-patt in kwistjoni:

> *"La dottrina prevalente tende, tuttavia, ad escludere la nullità del testamento quando risulti dimostrato che il testatore avrebbe comunque disposto in quel determinato modo anche in mancanza del patto. Si distingue, in altri termini, tra testamento meramente esecutivo del patto illecito (nullo), e testamento che rappresenti espressione della spontanea determinazione del soggetto, pur in presenza del patto (Marella, 111).*
>
> *Si ritiene inoltre che la nullità del testamento esecutivo di un patto successorio illecito non puo' essere fatta valere da chi, pur conoscendo la causa di nullità, l'abbia confermato, dopo la morte del testatore, ovvero vi abbia dato volontaria esecuzione, ai sensi dell'art. 590 c.c.[7]"*

27. Hekk ukoll, skont il-Bianca:

> *"La legge commina espressamente la nullità dei patti successori. La nullità comporta la nullità degli acquisti che hanno titolo in tali patti o negli atti che ne costituiscono esecuzione. Il patto successorio puo' infatti atteggiarsi anche come patto obbligatorio impegnando lo stipulante all'attribuzione o alla rinunzia di diritti successori.*
>
> *In particolare, la nullità colpisce la disposizione testamentaria che sia adempimento dell'impegno negoziale preso dal testatore (testamento 'esecutivo').*
>
> *La nullità deve per altro essere ribadita, in quanto si tratta di atti che realizzano la causa illecita dei patti di cui costituiscono adempimento.*
>
> *Secondo la giurisprudenza la nullità della disposizione testamentaria e' esclusa solo quando sia dimonstrato che il testatore fosse sicuramente*

---

[6] Bigliazzi Geri, La vocazione testametaria in Tratt. Rescigno, VI, 2ª ed., Torino, 1997, 190.
[7] Giovanni Bonilini & Massimo Confortini, Codice Commentato delle Successioni e Donazioni 2a ediz. (sena 2011), paġna 140.

*consapevole della radicale nullità dell'impegno assunto e abbia quindi disposto in piena liberta'.*[8]"

28. Interessanti dak li jgħid il-Ferrara:

*"Inoltre la invalidita' del negozio principale travolge nel nulla tutti gli altri negozi consegnenti o fondati sul medesimo, in conformita' del principio gia' espresso vigorosamente nella famosa Lex non dubium: "et si quid'fuerit subsecutum ex eo vel ob id quod interdicente lege factum est' illud quoque cassum atque inutile esse praecipimus".*[9]"

29. M'hemm l-ebda dubju – anke għaliex it-testatriċi tistqarr espressament - li d-dispożizzjoni testamentarja in kwistjoni saret b'eżekuzzjoni tal-patt suċċessorju bejnha u bejn żewġha. Għalhekk in-nullità testendi minn dak il-patt għat-testment bħala att konsegwenti u fondat fuq l-istess patt. Min-naħa l-oħra, kif sewwa rrimarkat l-Ewwel Qorti, għalkemm saret eċċezzjoni li kien hemm motivi li jwasslu għad-diżereditazzjoni tal-attriċi mill-wirt t'ommha, dawn ma ssemmewx fit-testment, kif wieħed kien jistenna. Ma tressqux provi fir-rigward u għalhekk l-eċċezzjoni ma tistax tintlaqa'. Apparti li lanqas saret kontrotalba fir-rigward, kif ukoll tajjeb irrimarkat l-ewwel Qorti.

30. **It-tielet aggravju**, li huwa dwar l-ispejjeż, huwa insostenibbli billi l-aggravji fil-mertu ġew miċħuda.

---

[8] C Massimo Bianca, Diritto Civile, Vol. 2.2 Le Successioni, 5a ediz. (2015), para. 18, paġna 34.
[9] Francesco Ferrara – La Teoria del Negozio Illecito nel Diritto Civile Italiano 1902, Numru 122, paġna 296.

***Decide***

31. Għal dawn il-motivi l-appell qiegħed jiġi miċħud u s-sentenza tal-Ewwel Qorti kkonfermata.

32. Spejjeż tal-Ewwel Istanza kif deċiżi mil-Ewwel Qorti; spejjeż tal-appell a karigu tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb